**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0020/2024**

22.11.2024

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja u lill-Italja fir-rigward ta' għargħar li seħħ fl-2024
(COM(2024)0480 – C10-0162/2024 – 2024/0284(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Giuseppe Lupo

# WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

ANNESS: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL........................7

NOTA SPJEGATTIVA ...............................................................................................9

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..............................................................................................12

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .................13

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......14

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja u lill-Italja fir-rigward ta' għargħar li seħħ fl-2024**
**(COM (2024)0480 – C10-0162/2024 – 2024/0284(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0480 – C10-0162/2024),

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda[3], u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni[4],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2024 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[6],

---

[1] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj?locale=mt.
[2] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj?locale=mt.
[3] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj?locale=mt.
[4] ĠU L 231, 30.6.2021, pp. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/oj?locale=mt.
[5] ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1–186, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj?locale=mt
[6] Testi adottati, P9_TA(2024)0082.

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar l-effikaċja li biha l-Istati Membri użaw il-flus tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE f'każijiet ta' diżastri naturali[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2021 dwar ir-rieżami tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[8],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A10-0162/2024),

A. billi fit-30 ta' Mejju 2024, il-Ġermanja ntlaqtet minn xita torrenzjali li kkawżat għargħar estrem fin-Nofsinhar tal-Ġermanja fil-bidu ta' Ġunju u dan irriżulta f'sitt fatalitajiet u fi ħsara diretta totali ta' EUR 4 131,6 miljun skont il-Kummissjoni;

B. billi fid-29 ta' Ġunju 2024, l-Italja ġarrbet maltempati vjolenti li wasslu għat-tifwir ta' xmajjar u nixxigħat fir-Reġjun Awtonomu tal-Valle d'Aosta u dawn irriżultaw fi ħsara diretta totali stmata mill-awtoritajiet Taljani għal EUR 158,39 miljun;

1. Jesprimi s-solidarjetà l-aktar profonda tiegħu mal-vittmi kollha, mal-familji tagħhom u mal-individwi kollha affettwati mill-għargħar distruttiv fil-Ġermanja u fl-Italja kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali involuti fl-isforzi tas-sokkors;

2. Jilqa' d-deċiżjoni bħala forma tanġibbli u viżibbli tas-solidarjetà tal-Unjoni maċ-ċittadini tagħha u mar-reġjuni fiż-żoni milquta fil-Ġermanja u fl-Italja;

3. Itenni l-importanza li l-benefiċċji tanġibbli pprovduti permezz tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) jiġu kkomunikati lill-pubbliku, sabiex ukoll is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar l-għodod u l-programmi tal-Unjoni tkompli tikber;

4. Jenfasizza l-għadd dejjem jikber ta' diżastri naturali severi, distruttivi u fatali fl-Ewropa u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinvestu aktar f'miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih biex jiġu evitati fatalitajiet u telf ekonomiku; iqis li l-baġit tal-FSUE jew l-ekwivalenti tiegħu għandu jiġi estiż b'mod sinifikanti fid-dawl tal-proposta li jmiss tal-Kummissjoni dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid u tan-negozjati interistituzzjonali sussegwenti u li l-FSUE jew l-ekwivalenti tiegħu jrid jipprovdi assistenza għaċ-ċittadini li tkun skont id-daqs ta' tali diżastri; jinnota li ż-żieda sostanzjali tal-FSUE tippermetti lill-Istati Membri jirrispondu b'mod aktar effettiv u malajr għad-diżastri filwaqt li jistgħu jiġu ppreservati strumenti oħra, b'mod partikolari l-fondi ta' koeżjoni li l-għan primarju tagħhom mhuwiex ir-rispons għad-diżastri ;

5 Jisħaq fuq il-ħsara sinifikanti kkawżata mill-għargħar lill-art agrikola u lill-azjendi agrikoli, lill-infrastruttura tat-trasport u b'mod partikolari lill-irħula u lill-bliet żgħar barra mir-reġjuni urbani; jisħaq li, minħabba t-tibdil fil-klima, il-gżejjer kif ukoll ir-reġjuni kostali huma partikolarment vulnerabbli għad-diżastri naturali; jirrikonoxxi li fenomeni bħal terremoti, għargħar, żbroffi vulkaniċi, u nixfiet - li jaffettwaw ukoll il-lagi u x-xmajjar - jirrappreżentaw theddida dejjem akbar għal ħafna reġjuni Ewropej, b'mod partikolari dawk fil-Mediterran; jistaqsi jekk il-FSUE huwiex allinjat b'mod adegwat mal-ħtiġijiet ta' emerġenza relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima f'dawn

[7] ĠU C 184, 05.05.2022, p. 82.
[8] ĠU C 15, 12.1.2022, p. 2.

it-territorji partikolarment fraġli; jemmen, għalhekk, li l-gżejjer u r-reġjuni kostali għandhom jirċievu finanzjament adegwat fil-qafas tal-FSUE biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet speċifiċi tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jqisu li l-popolazzjonijiet vulnerabbli jiġu affettwati b'mod partikolari mid-diżastri naturali minħabba fatturi soċjoekonomiċi li jkomplu jfixklu l-kapaċità tagħhom li jirkupraw;

6. Jisħaq li l-FSUE huwa biss strument kurattiv u li l-Unjoni għandha wkoll tkompli tindirizza l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu billi tappoġġja l-politiki Ewropej u nazzjonali għall-prevenzjoni tad-diżastri naturali; jissottolinja li r-Rapport Nru 1/2024 tal- Aġenzija Ewropea għall-Ambjent bit-titolu "European Climate Risk Assessment" (Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa) wissa li l-Unjoni mhix ippreparata għall-effetti tat-tibdil fil-klima u jisħaq fuq il-ħtieġa għal azzjoni biex jiġi evitat li r-riskji klimatiċi identifikati jilħqu livelli kritiċi; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jwasslu lill-Unjoni biex tilħaq l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi; ifakkar fil-ħtieġa għal sinerġiji effettivi ma' politiki u programmi oħra tal-Unjoni u jissottolinja li l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament b'mod partikolari, tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond Soċjali Ewropew Plus u tal-programmi għall-iżvilupp rurali; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'urġenza dovuta kwalunkwe talba motivata mill-Istati Membri biex talloka mill-ġdid fondi fi ħdan il-pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-assistenza f'diżastri naturali, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar l-RRF; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa għal miżuri preventivi, mhux biss biex tiġi mitigata l-ħsara fil-futur iżda anki biex jiġi evitat li l-kundizzjonijiet ta' riskju jaggravaw wara eventi katastrofiċi, bħal għargħar, nirien fis-selvaġġ, uqigħ tal-art jew l-inxif ta' lagi u xmajjar; jissottolinja l-importanza ta' flessibbiltà adegwata bejn il-programmi differenti; jissottolinja li assistenza mogħtija fl-ambitu tal-FSUE ma għandhiex tkun għad-detriment tal-finanzjament Ewropew riċevut mill-Istati Membri fl-ambitu ta' politiki jew programmi oħra tal-Unjoni; ifakkar li l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna mill-Istat, f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari għan-negozji agrikoli li jkunu sofrew ħsara minħabba diżastri naturali;

7. Jinnota li fil-21 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva għal appoġġ reġjonali ta' emerġenza għar-rikostruzzjoni wara diżastru naturali[9] u għal miżuri speċifiċi fl-ambitu tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tipprovdi assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali[10] bil-għan li tipprovdi aktar flessibbiltajiet fl-użu tal-fondi;

8. Ifakkar fl-importanza ta' valutazzjoni rapida u solida tal-ħsara li tqis kif xieraq ir-riperkussjonijiet ekonomiċi u jitlob li jsiru aktar sforzi operazzjonali sabiex jitnaqqas iż-żmien medju għar-rilaxx ta' ħlas ta' avvanzi, filwaqt li jiġi żgurat li l-baġit tal-Unjoni jkun protett;

---

[9] Proposta tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Ottubru 2024 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill RESTORE – Appoġġ Reġjonali ta' Emerġenza għar-Rikostruzzjoni li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1058 u r-Regolament (UE) 2021/1057 (COM(2024)0496).

[10] Proposta tal-Kummissjoni Ewropea tal-21 ta' Ottubru 2024 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2020/2220 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex tingħata assistenza addizzjonali lill-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali (COM(2024)0495).

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi rilaxxata assistenza finanzjarja immedjata permezz tal-FSUE biex jiġi żgurat li l-appoġġ ikun jista' jilħaq lir-reġjuni affettwati fi żmien xieraq;

10. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# ANNESS: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Ġermanja u lill-Italja fir-rigward ta' għargħar li seħħ fl-2024**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda (IIA)[3], u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali maġġuri jew reġjonali jew minn emerġenza tas-saħħa pubblika maġġuri.

(2) Il-Fond ma jridx jaqbeż il-limiti massimi kif stipulat fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093, kif emendat mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765[4].

(3) Fl-20 ta' Awwissu 2024, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara l-għargħar fin-Nofsinhar tal-Ġermanja f'Mejju 2024.

(4) Fl-20 ta' Settembru 2024, l-Italja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-għargħar fir-Reġjun Awtonomu tal-Valle d'Aosta tal-Italja fid-29 ta' Ġunju 2024.

---

[1] ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj?locale=mt#.

[2] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj?locale=mt#.

[3] ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj?locale=mt#.

[4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj?locale=mt#).

(5) L-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex tiġi pprovduta kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

(6) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Fond jiġi mobilizzat sabiex jagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Ġermanja u lill-Italja.

(7) Sabiex iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-Fond jitnaqqas kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni stabbilit għas-sena finanzjarja 2024, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mobilizzat kif ġej f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fir-rigward ta' diżastri naturali:

(a) l-ammont ta' EUR 112 071 681 għandu jingħata lill-Ġermanja fir-rigward tal-għargħar ta' Mejju u Ġunju 2024;

(b) l-ammont ta' EUR 3 959 872 għandu jingħata lill-Italja fir-rigward tal-għargħar tad-29 ta' Ġunju 2024 fir-Reġjun Awtonomu tal-Valle d'Aosta.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Din id-deċiżjoni tapplika mill-...[*data tal-adozzjoni tagħha*][*].

Magħmula fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

[*] Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 (ir-Regolament FSUE) għal ammont ta' EUR 116 031 553 biex tingħata assistenza lill-Ġermanja u lill-Italja fir-rigward tal-għargħar li seħħ f'dawn il-pajjiżi fl-2024.

**Il-Ġermanja – diżastru maġġuri: għargħar fin-Nofsinhar tal-Ġermanja f'Mejju 2024**

Fit-30 ta' Mejju 2024, l-Istati tal-Bavarja u ta' Baden-Württemberg intlaqtu minn xita torrenzjali li kkawżat għargħar estrem fin-Nofsinhar tal-Ġermanja fil-bidu ta' Ġunju. Il-livelli tal-ilma f'ħafna postijiet qabżu l-ogħla livelli storiċi u ġie ddikjarat stat ta' emerġenza fi 18-il distrett tal-Bavarja. Id-diżastru tal-għargħar wassal għal sitt fatalitajiet u ċedew diversi digi fir-reġjun, b'konsegwenza li kienu meħtieġa l-evakwazzjoni ta' diversi muniċipalitajiet u bosta missjonijiet ta' salvataġġ. L-ilmijiet tal-għargħar u l-fluss tar-radam għamlu ħsara lill-pontijiet, lin-networks ferrovjarji u lit-toroq, u ħallew impatt fuq l-ivvjaġġar fuq l-art fiż-żoni affettwati. Is-servizzi ferrovjarji ġew affettwati b'mod sever u f'każ wieħed, wara li seħħet valanga kien hemm deraljament ta' ferrovija express li kienet qed iġġorr 185 passiġġier.

Il-Kummissjoni stmat li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hija ta' EUR 4 131,6 miljun. Dan l-ammont jaqbeż il-limitu ta' "diżastru naturali maġġuri" għall-Ġermanja, jiġifieri EUR 3 biljun fi prezzijiet tal-2011, ekwivalenti għal EUR 3,8 biljun fi prezzijiet tal-2024. Għalhekk, id-diżastru jikkwalifika bħala "diżastru naturali maġġuri" skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament FSUE.

**L-Italja – diżastru reġjonali: għargħar fir-reġjun tal-Valle d'Aosta**

Fid-29 ta' Ġunju 2024, maltempati vjolenti ġabu magħhom xita qawwija li rriżultat fit-tifwir ta' xmajjar u nixxigħat. L-għargħar torrenzjali kkawża ħsara estensiva lill-infrastruttura, tfixkil tas-servizzi u iżolament tal-komunitajiet fir-reġjun awtonomu tal-Valle d'Aosta. 58 % tal-muniċipalitajiet fil-Valle d'Aosta ġew affettwati mill-għargħar. Iż-żona tal-art affettwata hija madwar 66 % tal-erja totali tal-art tar-reġjun. L-aktar muniċipalitajiet affettwati inkludew lil Aymavilles, Cogne u Valtournenche. Aktar minn 52 000 abitant u 4 800 negozju kienu direttament affettwati mid-diżastru.

L-applikazzjoni ppreżentat l-avveniment bħala "diżastru naturali reġjonali" kif stabbilit fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament FSUE, li huwa kwalunkwe diżastru naturali f'reġjun fil-livell NUTS 2 ta' Stat eliġibbli li jirriżulta fi ħsara diretta li taqbeż il-1,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG) ta' dak ir-reġjun. L-awtoritajiet Taljani jistmaw li l-ħsara diretta totali kkawżata mid-diżastru hija ta' EUR 158,39 miljun. Dan l-ammont jaqbeż il-livell limitu applikabbli indikat għal "diżastru reġjonali", liema ammont huwa ta' EUR 71,05 miljun għar-reġjun tal-Valle d'Aosta fl-2024.

**Konklużjoni**

Il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-għajnuna ġiet stabbilita fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-FSUE u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew. Għalhekk il-

| Diżastru | Ħsara diretta totali (EUR) | Livell limitu applikat għal diżastru (EUR) | 2,5 % tal-ħsara diretta totali sal-livell limitu għal diżastru maġġuri (EUR) | 6 % tal-ħsara diretta 'l fuq mil-livell limitu għal diżastru maġġuri (EUR) | 2,5 % tal-ħsara diretta totali (EUR) | Ammont totali tal-għajnuna proposta (EUR) | Avvanz (EUR) | Bilanċ li jrid jitħallas (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Ġermanja–għargħar** (*diżastru maġġuri*) | 4 131 673 024 | 3 880 820 000 | 97 020 500 | 15 051 181 | MHUX APPLIKABBLI | 112 071 681 | MHUX APPLIKABBLI | 112 071 681 |
| **L-Italja (il-Valle d'Aosta)–għargħar** (*diżastru reġjonali*) | 158 394 907 | 71 054 400 | MHUX APPLIKABBLI | MHUX APPLIKABBLI | 3 959 872 | 3 959 872 | MHUX APPLIKABBLI | 3 959 872 |
| | | | | | **TOTAL** | **116 031 553** | **MHUX APPLIKABBLI** | **116 031 553** |

Kummissjoni tipproponi lill-awtorità tal-baġit biex timmobilizza l-ammonti li ġejjin għall-applikazzjonijiet tal-Ġermanja u tal-Italja.

Ir-Regolament tal-Kunsill 2024/765[5] tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 qasam ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) f'żewġ strumenti separati: ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza. Ir-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea b'ammont annwali ta' EUR 1 016-il miljun (fi prezzijiet tal-2018, korrispondenti għal EUR 1 144,2 miljun fi prezzijiet tal-2024) se tintuża għal assistenza b'rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza koperti mill-FSUE.
Sabiex jiġi evitat eżawriment bikri tal-allokazzjoni annwali, l-Artikolu 3(7) tar-Regolament FSUE u l-Artikolu 9(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament QFP emendat jistipulaw li 25 % tal-allokazzjoni annwali tal-FSUE (jiġifieri EUR 286 miljun għall-2024) għandhom jibqgħu disponibbli fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena.
Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 4a(4) tar-Regolament FSUE, l-ammont ta' EUR 50 000 000 diġà tniżżel fil-baġit ġenerali tal-UE għall-2024 (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament) għall-ħlas ta' avvanzi possibbli.
Għalhekk, l-ammont massimu li jista' jintuża mill-FSUE mill-allokazzjoni tar-Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea għall-2024 f'dan l-istadju huwa ta' EUR 297 420 718 li jippermetti l-kopertura tal-ħtiġijiet ta' pagament ta' din il-mobilizzazzjoni.

| **Ammont disponibbli fl-ambitu tal-FSUE fl-2024:** | |
|---|---|
| Allokazzjoni totali annwali tal-FSUE għall-2024 (inkluż is-segment tal-1 ta' Ottubru) | 1 144 181 018 |
| Krediti riżervati għal pagamenti antiċipati (-) | 50 000 000 |
| Ammont mobilizzat li jaqa' taħt l-Ewwel Deċiżjoni ta' Mobilizzazzjoni (-) | 796 760 300 |
| Ammont disponibbli għall-Mobilizzazzjoni (minbarra l-avvanzi) | 297 420 718 |
| Ammont propost għall-mobilizzazzjoni li jaqa' taħt it-Tieni Deċiżjoni ta' Mobilizzazzjoni | 116 031 553 |

[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj?locale=mt#).

| | |
|---|---|
| Ammont li għadu disponibbli għall-pagamenti antiċipati | 12 926 996 |
| Ammont li jifdal għal applikazzjonijiet futuri (inklużi għall-avvanzi) | 194 316 161 |

***Ir-rapporteur jirrakkomanda l-approvazzjoni rapida tal-proposta għal deċiżjoni tal-Kummissjoni annessa ma' dan ir-rapport, li twassal għall-mobilizzazzjoni rapida tal-ammonti msemmija qabel, bħala sinjal ta' solidarjetà Ewropea mal-Ġermanja u mal-Italja. Ir-rapporteur jistieden lill-Kummissjoni biex din il-kontribuzzjoni finanzjarja tingħata b'urġenza partikolari.***

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| **Entità u/jew persuna** |
| --- |
| none |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteurjiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

# INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 29<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Fabienne Keller, Janusz Lewandowski, Giuseppe Lupo, Ignazio Roberto Marino, Fernando Navarrete Rojas, Matjaž Nemec, Danuše Nerudová, Ruggero Razza, Bogdan Rzońca, Hélder Sousa Silva, Nicolae Ştefănuță, Joachim Streit, Carla Tavares, Nils Ušakovs, Auke Zijlstra |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Moritz Körner, Tiago Moreira de Sá |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Christophe Bay, Udo Bullmann, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Ştefan Muşoiu, Jan-Christoph Oetjen |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 29 | + |
|---|---|
| ECR | Ruggero Razza, Bogdan Rzońca |
| PPE | Georgios Aftias, Isabel Benjumea Benjumea, Andrzej Buła, Gheorghe Falcă, Janusz Lewandowski, Fernando Navarrete Rojas, Danuše Nerudová, Hélder Sousa Silva |
| PfE | Christophe Bay, Tomasz Buczek, Tamás Deutsch, Angéline Furet, Tiago Moreira de Sá |
| Renew | Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Joachim Streit |
| S&D | Udo Bullmann, Jean-Marc Germain, Sandra Gómez López, Giuseppe Lupo, Ştefan Muşoiu, Matjaž Nemec, Carla Tavares, Nils Ušakovs |
| Verts/ALE | Ignazio Roberto Marino, Nicolae Ştefănuță |

| 1 | - |
|---|---|
| PfE | Auke Zijlstra |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni